GUDJA

Minuti tad-disgħa u erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 31 ta' Lulju 2012 fis-5.45p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John-Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri; | Mark Anthony Sammut u Anthony Dalli |
| Skużat: | Kunsillier; | Il-Kunsillier Osvaldo Pace informa lill-Kunsill li ma setax jattendi. |

Agenda:-

1. Approvazzjoni ta' minuti – 46/6 (28 ta' Ġunju 2012)
   47/6 (04 ta' Lulju 2012)
   48/6 (09 ta' Lulju 2012)
2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsillieri

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Aġġudikazzjoni t'offerti:-
   a. GLC/06/2012 – Accountancy Services
   b. GLC/07/2012 – Insurance Broker
   c. GLC/08/2012 – Collection door to door of mixed household waste and Provision of Bins-on-wheels
   d. GLC/09/2012 – Maintenance and Provision of Road Signs
   e. GLC/010/2012 – Roads Works for access urban roads in Gudja
   f. GLC/011/2012 – Patching and other related works-access roads

5. Aġġudikazzjoni ta' kwotazzjonijiet:-
   a. Quot/01/2012 – Supply of various office stationery
   b. Quot/02/2012 – Paint for road markings
   c. Quot/03/2012 – Photocopier for Local Council's Office
   d. Quot/04/2012 – Various signs and road markings
   e. Quot/05/2012 – Supply, assemble, and install 40mm aluminium tube – stainless steel colour together with necessary fittings for hand rail.

6. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

7. Għeluq tal-laqgħa

Ftuħ tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.50p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti - 46/6 (28 ta' Ġunju 2012)**
**47/6 (04 ta' Lulju 2012)**
**48/6 (09 ta' Lulju 2012)**

1.1.0 Minuti 46/6 (28 ta' Ġunju 2012)

1.1.1 Dawn il-minuti li ġew ċirkulati għand il-Kunsillier kollha qabel il-laqgħa ġew meħuda bħala moqrija.

1.2 Korrezzjoni ta' minuti 28.6.2012 – Parag 1.2 Tema: Affarijiet li tqajmu mill-minuti.

Is-Sur Dalli qal li xtaq jiċċara dan il-paragrafu peress li huwa kien qal li hemm siġra li telgħet jew ġiet mħawwla fil-parti ta' Dawret il-Gudja li qegħda ta' periklu u għalhekk għandha titneħħa.

Is-Sur Dalli qal ukoll li f'din il-parti ta' l-istess triq s-sinjali tat-traffiku għandhom jiġu rranġati.

Wara din l-osservazjoni l-minuti tat-28 ta' Ġunju 2012 ġew approvati nem con.

1.2.0 Minuti 47/6 (04 ta' Lulju 2012)

1.2.1 Is-Sur Dalli stqarr li ma kienx qed jaqbel ma dawn il-minuti filwaqt li s-Sur Sammut qal li kien qed jastjeni peress li ma kienx preżenti għal din il-laqgħa u għalhekk fil-fehma tiegħu ma setax jagħti l-ġudizzju u l-vot tiegħu f'din il-laqgħa.

Dawn il-minuti ġew approvati.

1.3.0 Minuti 48/6 (09 ta' Lulju 2012)

1.3.1 Dawn il-minuti ġew approvati nem con.

1.3.2 Ġie ukoll innotat li għal din il-laqgħa li kienet ġiet imsejħa b'urġenza attenda biss is-Sur Mark Anthony Sammut u għalhekk din il-laqgħa fil-fatt ma saritx.

**2.0 Kommunikazzjonijiet**

2.1.0 Sindku

2.1.1 Is-Sur JM Calleja qal li fid-daħla ta' Triq R. Caruana fuq in-naħa ta' Dawret il-Gudja hemm biċċa maqrut tal-konkos li peress issa Triq R. Caruana hija triq li minna t-traffiku jidħol biss, din il-biċċa konkos qed tkun ta' tfixkil għat-traffiku u qed ukoll toħloq tfixkil għar-residenti.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien diġa ingħata parir mit-TM dwar kif għandu jitneħħa dan il-maqrut tal-konkos u tiżdied il-bankina biswit id-daħla ta' Triq R. Caruana li tgħati għal Dawret il-Gudja.

2.1.2 Id-Daħla tal-bini f'Tal-Mitħna HOS. Is-Sindku qal li għandu jingħata bidu għal eżerċizju ta' Traffic Management peress li hemm riskju u periklu serju bit-traffiku li jkun dieħel jew ħiereġ għat-Triq Ħal Tarxien Gudja.

Is-Sindku qal li dwar dan sejjer ikollu laqgħa fuq il-post mas-Sur Josie Brincat (TM) dwar kif jista' jitneħħa dan il-periklu u dwar il-metodu li għandu jaħdem il-Kunsill mat-TM sabiex din iż-żona tkun aktar sigura u li jinqatgħa l-perikolu mit-traffiku li jidħol u joħroġ minn din iż-żona.

2.1.3 Pendenza mal-kuntrattur Mangion Brothers. Is-Sindku għamel referenza għall-ittra datata 27 ta' Lulju 2012 li l-Kunsill rċieva mingħand il-kuntrattur Mangion Brothers dwar il-bilanċ ta' pagament dwar xogħol ta' resurfacing li sar f'diversi toroq fil-Gudja.

Is-Sindku spjega li l-Kunsill qed jippretendi li l-bilanċ li l-kuntrattur għandu jiġi soġġett għat-tnaqqis minħabba d-dewmien li jitwettaq x-xogħol kif ukoll xogħol ħażin f'xi postijiet u li għandu bżonn riparazjoni.

Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li jsiru diskussjonijiet mal-Perit Ludovico Micallef bħala arbitru maqbul miż-żewġ partijiet u wara li ssiru l-kalkoli meħtieġa jsir rapport tal-arbitru għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill bil-għan li jsir il-pagament ġust u kif ikun attwalment dovut lill-kuntrattur Mangion Brothers.

2.1.4 Triq Toni Zammit il-Gudja. Is-Sindku qal li peress li sar jaf li t-TM qalgħu t-tabelli li kienu qed jindikaw li sejjer issir ix-xogħol mit-TM, huwa għamel kuntatt mal-Perit Graziella Galea fejn din infurmat lis-Sindku li dan sar peress li l-Gvern kien għad għandu jieħu l-art u wara li tkun saret il-proċedura meħtieġa jibda x-xogħol ta' kostruzzjoni tat-triq li tkun tifforma parti mill-proġett hekk imsejjaħ ring road li ilu imweigħed għal snin sħaħ.

Saret diskussjoni dwar li l-Kunsill kien diġa infurmat li ċ-ċens tar-razzett kien għalaq u li għalhekk dan kien ifisser li l-proċeduri sabiex jibda x-xogħol ma kellhomx jieħdu ħafna żmien.

Il-Kunsill qabel ukoll sabiex jitlob l-intervent tal-Ministru Jason Azzopardi sabiex jintervjeni kif ikun meħtieġ sabiex il-proġett tar-ring road jitkompla u jitlesta kemm jista' ikun malajr.

2.1.5 Pelican lights f'Dawret il-Gudja ma' Triq Bur Ġlat. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien infurmat illi dawn il-Pelican lights kellhom issiru sal-aħħar ta' Lulju 2012. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lit-TM sabiex dawn il-Pelican lights issiru bla aktar dewmien peress li huma ta' ħtieġa kbira kemm għat-traffiku kif ukoll għall dawk il-persuni li jiffrekwentaw din it-triq.

2.1.6 Laqgħa mal-uffiċċjali tal-MEUSAC. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jagħmel tentattivi sabiex tiġi stabbilita data li ssir laqgħa dwar il-possibilta li l-Kunsill jikseb fondi għall-proġetti tiegħu mingħand l-EU.

2.1.7 L-awtorizazzjoni tat-TM dwar sinjali u tabelli fit-toroq tal-Gudja. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed ikollu ħafna dewmien sabiex jircievi l-approvazzjoni tat-TM u li dan qed ifixkel ix-xogħol tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jagħmel pressjoni meħtieġa u dak kollu possibli sabiex il-permessi meħtieġa tat-TM jingħataw bla aktar dewmien.

2.2.0 Viċi-Sindku

2.2.1 Triq Birżebbuga. Is-Sur Baldacchino qal li fit-tarf ta' Triq Birżebbuġa qed issir miżbla, għalkemm huwa qed jagħmel dak kollu possibli sabiex din il-parti tat-triq tinżamm nadifa. Il-Kunsill qabel li jinkisbu kwotazzjonijiet dwar CCTV sabiex jinkisbu estimi dwar l-ispiża ta' l-installazzjoni u kontrol ta' din il-proċedura bil-għan li dawn l-inħawi jiġu sorveljati bis-sistema tal-cameras.

Saret diskussjoni ukoll dwar l-użu tal-Green Wardens. Il-Kunsill qabel li jitlob lir-Reġjun Nofsinhar is-siegħat meħtieġa ta' wardens sabiex jiġi mħares l-ambjent.

2.2.2 Tapiti tal-latstiku għal taħt il-bandli u turf għal pitches tal-football fi Ġnien R. Caruana u Ġnien G. Cassar. Is-Sur Baldacchino talab u l-Kunsill qabel li jikseb dawn il-kwotazzjonijiet sabiex ikollu stimi tax-xogħol meħtieġ u jimxi kif ikun possibli skond il-mezzi u finanzi tal-Kunsill.

2.2.3 Tisbiħ u ameljorament fi Ġnien R. Caruana Il-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill kiseb l-istimi mingħand il-Perit W. Lewis u kien qed jipproċedi bl-applikazzjoni dwar l-Urban Improvement Fund (UIF) sabiex ikun hemm il-finanzjament ta' dan il-proġett.

2.2.4 Tqassim ta' boroż dwar is-seprarazzjoni tal-iskart riċikabbli. Is-Sur Baldacchino qal li b'seħħ mit-30 ta' Lulju 2012 l-GreenPak kienu sejrin jipprovdu l-boroż u dawn jitqassmu mill-Kunsill.

2.2.5 Xtiebi fl-inħawi ta' Bir Miftuħ il-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li kellu kuntatt mad-Dipartiment tar-Riżorsi fejn ġie infrumat li dawn huma lesti iżda l-Kunsill għandu jagħmel il-ħofor u jipprovdi l-konkos sabiex dawn ix-xtiebi jitwaħħlu sewwa.

Il-Kunsill qabel li joħroġ sejħa għal dawn il-ħofor u jkompli jżomm kuntatt mad-Dipartiment sabiex dan il-proġett jiġi finalizzat.

2.2.6 Service road fuq in-naħa ta' Triq Ħal Tarxien il-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li hemm bżonn li dawn l-inħawi jkomplu jitjiebu u għalhekk is-soft area għandha tinbidel sabiex jiġi maħluq ambjent aħjar. Il-Kunsill qabel li jitlob il-Perit W. Lewis (Perit tal-Kunsill) sabiex jipprovdi stimi dwar ix-xogħlijiet meħtieġa għal konsiderazzjoni tal-Kunsill.

2.3.0 Kunsillieri

2.3.1 Mark Anthony Sammut

a. Jum il-Gudja 15 ta' Lulju. Is-Sur Sammut għamel referenza dwar dak li seħħ meta l-Kunsill kien qabel li għal Jum il-Gudja 15 ta' Lulju

2012 jiġi preżentat minn persuna mill-Gudja minkejja li oriġinaljament kien diġa mistieden is-Sur Ronald Briffa.

Saret diskussjoni dwar dan u x'wassal il-Kunsill dwar din id-deċiżjoni u ġiet stabbilita illi minkejja li s-Sur Ronald Briffa setgħa ġie sabiex ikun il-preżentatur waqt is-serata tal-14 ta' Lulju 2012 meta din tkun tkomplija tal-Lejla Sajfija, dan ma seħx. Is-Sur Sammut irribatta u stqarr illi huwa għandu f'idejh email li turi li fil-fehma tas-Sur Pace il-preżentatur Ronald Briffa lanqas kellu jiġi għas-serata tal-14 ta' Lulju 2012 peress li fil-fhema tas-Sur Pace il-Kunsill kellu jagħżel preżentatur mill-lista tal-preżentaturi li huwa kien kiseb u ipprovda lill-Kunsill minkejja li ma kienx hemm preżentaturi Gudjani.

F'dan l-istadju kemm is-Sindku kif ukoll il-Viċi-Sindku wieġbu li l-fehma ta' Kunsillier individwali mhix il-fehma tal-Kunsill. Id-deċiżjoni tal-Kunsill hija ċara skond kif juru l-minuti.

b. MEUSAC – Proġett ta' Youth in Action. Is-Sur Sammut qall illi kif kien diġa informa l-Kunsill hemm possibilita illi sitt (6) żgħażagħ mill-Gudja b'Youth leader magħhom jitilgħu l-Bulgarija u jipparteċipaw fil-Programm 'YES – Youth European Synergy'.

Is-Sur Sammut qal peress li ż-żmien kien qed jafas il-Kunsill kien kostrett li jħafef fis-sejħa tiegħu u jipproċedi bl-għażla ta' dawn iż-żgħażagħ li huwa importanti li jkollhom bażi sewwa fil-mużika peress li dan il-proġett jeħtieġ dan.

Il-Kunsill qabel li jinħatar ad hoc sotto kumitat tal-għażla magħmul mill-Viċi-Sindku R. Baldacchino, l-Kunsiller MA Sammut, il-Maestro Stefan Caruana u s-Sur JM Formosa (ex officio).

Il-Kunsill qabel li jkompli jipproċedi fuq dan il-proġett b'risq żgħażagħ Gudjani speċjalment li ħafna mill-ispejjeż sejrin jitħalsu minn fondi Ewropew.

c. Vjal it-Torri Il-Gudja. Bżonn ta' Pulizija jew warden. Is-Sur Sammut qal li hemm il-ħtieġa illi kemm fl-inħawi ta' l-iskola San Joan Antide kif ukoll fuq in-naħa fejn hemm il-ħwienet u stabbilimenti kummerċjali għandhom ikollha il-preżenza tal-wardens jew pulizija sabiex tinkiseb l-ordni speċjalment f'ħinijiet speċifiċi għaliex il-mod kif jimxi t-traffiku u pparkjar ħażin jistgħu jikkawżaw inċidenti serji ħafna.

Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni tar-Reġjun u jikseb is-servizz meħtieġ. Il-Kunsill qabel ma dak li qal is-Sur Sammut filwaqt li s-Sindku reġa stqarr li hemm bżonn li t-TM tagħti widen u taġexxi aktar malajr għall-ħtiġijiet tal-Kunsill.

2.3.2 Anthony Dalli

a. Triq San Pawl il-Gudja. Is-Sur Dalli qal li l-Kunsill għandu jagħmel dak kollu possibli sabiex ix-xogħol meħtieġ f'din it-triq jibda u jispiċċa malajr kemm jista ikun.

b. Toroq oħra partikularment Triq il-Kbira. Is-Sur Dalli qal li l-Kunsill għandu jara li x-xoghlijeit proġettati jiġu mwettqa skond il-pjanijiet tal-Kunsill.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Tappiera tad-drenaġġ tħabbat bil-karozzi u titla riħa tinten quddiem nru 41 fi Triq San Ċiru Gudja. Il-Kunsill ikkonsidra dan l-ilment u qabel li għandhom isru x-xogħlijiet meħtieġa fl-aqsar żmien possibli.

3.1.2 Dwar ilmenti oħra li riċieva l-Kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew konsiderati u li tkun ittieħdet azzjoni minnaħa tal-Kunsill sabiex tinsab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjoni ta' kull min ikun ippreżenta l-ilment.

3.2.0 Ittri li ntbagħatu

3.2.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' l-ittri li ntbagħatu u qabel li jkompli jsegwi l-interess tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' l-ittri li reċevejna u qabel li jkopli jsegwi l-interess tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

## 4.0 Aġġudikazzjoni t'offerti:-

4.1 GLC/06/2012 – Accountancy Services

Il-Kunsill qabel li jagħażel dik ta' Josianne Debono - DConsulta peress li din kienet l-aħjar offerta. Il-Kunsill qabel li jkun hemm perjodu xieraq ta' tranżizzjoni sabiex l-accountant magħżul ikun kiseb kull informazzjoni sabiex ikun jista' jaqdi l-dmirijiet tiegħu/tagħha mingħajr problemi inizjali.

4.2 GLC/07/2012 – Insurance Broker

Il-Kunsill qabel li fiċ-ċirkustanzi preżenti jagħżel lill All Care Insurance Brokers.

4.3 GLC/08/2012 – Collection door to door of mixed household waste and Provision of Bins-on-wheels

Il-Kunsill qabel li jagħżel l-offerta tas-Sur Jonathan Zammit peress li din kienet l-aħjar offerta.

Il-Kunsill qabel li jitlob is-Sur Zammit sabiex jibdel l-iskips għal dawk ġodda fejn fil-fehma tal-Kunsill jinsab li xi skips eżistenti għandhom bżonn jinbidlu.

4.4 GLC/09/2012 – Maintenance and Provision of Road Signs

Il-Kunsill qabel li jitlob il-parir tal-Perit W. Lewis sabiex jagħmel rapport dwar t-tenders li rċieva l-Kunsill u wara l-Kunsill ikun jista jipproċedi bl-għażla kif ikun il-każ.

4.5 GLC/010/2012 – Roads Works for access urban roads in Gudja

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tar-rapport tal-Perit W. Lewis u qabel li jagħżel lill-kuntrattur Philip Agius & Sons peress li dan għamel l-aħjar offerta.

4.6 GLC/011/2012 – Patching and other related works-access roads

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tar-rapport tal-Perit W. Lewis u qabel li jagħżel lill-kuntrattur Gordon Ellul peress li dan għamel l-aħjar offerta.

Il-Kunsill qabel li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jipproċedu sabiex jiffirmaw l-kuntratt mal-kuntratturi magħżula skond il-proċedura stabbilita.

**5.0 Aġġudikazzjoni ta' kwotazzjonijiet.**

NB: Qabel ma' l-Kunsill beda jiddiskuti din it-tema, il-Viċi-Sindku s-Sur Baldacchino ħalla l-laqgħa peress li huwa kien jifhem li l-Emtes Stationery (li jiġu minnu) kien tefa' l-kwotazzjoni tiegħu, u għalhekk ma xtaqx li jkun preżenti minħabba li seta' ikun hemm xi kunflitt t'interess.

5.1 Quot/01/2012 – Supply of various office stationery

Il-Kunsill qabel li jżomm il-lista ta' dawk li ssottomettew l-offerta tagħhom sabiex kull meta l-Kunsill ikollu l-ħtieġa li jixtri xi office stationery jagħmel l-ordni tiegħu ibbażata fuq l-aħjar prezz u kwalita u dan jista' li xi drabi jordna mingħand fornitur u jekk ikun il-każ imur għand fornitur ieħor sabiex dejjem jibqa jikseb l-aħjar servizz bl-ahjar prezz fl-interess tal-Kunsill.

NB:- Is-Sur Baldacchino reġa' daħal għal-laqgħa wara l-aġġudikazzjoni ta' din it-tema t'hawn fuq.

5.2 Quot/02/2012 – Paint for road markings

Il-Kunsill qabel li jaċċetta l-offerta ta' B. Gima & Sons Ltd peress li fil-fehma tal-Kunsill dan il-fornitur għamel l-aħjar offerta.

5.3 Quot/03/2012 – Photocopier for Local Council's Office

Il-Kunsill qabel li jitlob aktar dettalji mingħand il-ofrnituri dwar is-servizz u l-prezz ta' manutenzzjoni u jekk il-kuntratt ta' manutenzzjoni hux inkorporat fil-prezz jew li għandu jitħallas separatament.

5.4 Quot/04/2012 – Various signs and road markings

Il-Kunsill qabel li jitlob lill-Perit W. Lewis sabiex jagħmel rapport dwar dawn l-offerti u wara l-Kunsill ikun jista' jipproċedi bl-għażla tal-fornitur skond kif ikun il-każ.

5.5 Quot/05/2012 – Supply, assemble, and install 40mm aluminium tube – stainless steel colour together with necessary fittings for hand rail.

Il-Kunsill qabel li fiċ-ċirkustanzi l-aħjar offerta hija dik ta' Andrew Vassallo Trading Ltd u għalhekk il-Kunsill għażel lilu. Il-Kunsill qabel li jitlob lil dan il-fornitur sabiex jipproċedi b'dan ix-xogħol malajr kemm jista jkun.

## 6.0 Finanzi

6.1 Petty Cash. Il-Kunsill approva n-nefqa ta' €29.01 għax-xahar ta' Ġunju kif ippreżentata lill-Kunsill.

6.2. Skeda ta' pagamenti. L-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Lulju 2012 għas-somma totali ta' €29,432.13 ġiet approva kif ippreżentata wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet dwar xi ammonti murija fl-istess skeda.

6.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet

6.3.1 Il-Kunsill qabel u approva dawk ix-xogħlijiet u xiri kif imsemmija aktar il-fuq, fuq dawn il-minuti.

6.3.2 Żebgħa ta' toroq safra u bajda:- Il-Kunsill approva żewġ tankijiet żebgħa safra u erba' tankijiet żebgħa bajda.

6.3.3 Pitch żgħir tal-futbal fi Ġnien G. Cassar:- Il-Kunsill approva li jintalbu offerti għal xogħol ta' mini pitches sabiex dawn jiġu konsidrati mill-Kunsill skond kif ikun il-każ.

6.3.4 Ħofor:- Il-Kunsill approva li jikseb offerti dwar is-servizz ta' kuntrattur sabiex iħaffer toqob u jagħmel il-ftit konkos meħtieġ ta' madwar kemm għax-xtiebi kif ukoll ħofor għall-arbli tal-festa skond kif ikun indikat u approvat mill-Kunsill.

## 7.0 Għeluq tal-laqgħa

7.1 L-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-konfini tal-Gudja. Il-Kunsill qabel li jkompli jinsisti mal-Awtoritajiet konċernati fosthom id-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jiġi stabbilit darba għal dejjem li l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta jinsab fil-Gudja.

7.2 Lista ta' xogħlijiet. Il-Kunsill qabel li għal futur fuq l-Agenda għandhom jintniżlu lista ta' xogħlijiet li jkunu ippjanati u dawk li junu qed jitwettqu u dawk li junu tlestew fil-perjodu bejn laqgħa u oħra tal-Kunsill sabiex il-Kunsill ikollu stampa ċara tal-programm ta' xogħol u dwar dak li jkun qed jitwettaq mill-Kunsill.

Aġġornament

Il-Laqgħa spiċċat fid-8.50pm u ġiet aġġornata għal 31 t'Awwissu 2012 jew għal data oħra kif ikun meħtieġ, fis-5.45p.m. fuq Agenda li tiġi ċirkulata aktar il-quddiem.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________